~~*Rajthom iqumu . . .*~~
~~*żagħżagħ kienu.*~~
~~*Qamu u ġġieldu*~~
~~*biex id-dinja issir tabib*~~
~~*tfejjaq il-ħamiema . . .*~~
~~*bid-demm tal-ġlied*~~
~~*bid-demm ta' l-inġustizzja mċappsa.*~~

~~*Hemm għadhom . . .*~~
~~*jiġġieldu għall-ħaqq u l-ġustizzja*~~
~~*iżda donnu*~~
~~*"M'hemmx paċi*~~
~~*ħlief lin-nies ta' qalbhom safja"*~~
~~*Iżda l-keffa tal-miżien*~~
~~*fejn hemm is-serq, il-qerq, il-ġlied;*~~
~~*għabbet il-keffa l-oħra*~~
~~*fejn hemm l-imħabba, l-karità, u l-maħfra.*~~

~~*Tassew dan hu s-seklu miġnun.*~~

~~10.iv.69~~ ~~FRANCIS P. MIFSUD~~

## DWEJJAQ U NIKET

*Kemm il-lejl qomt nolfoq*
*u nibki,*
*u tqallibt*
*iżda le mistrieħ.*

*Werżaqt,*
*donnu kien qorob*
*it-tmiem għalija,*
*iżda l-lejl kien twil wisq.*

*Hassejtni mdejjaq*
*il-ħolm sar*
*biża' għalija,*
*u le baqa' ħolm ta' tfal*
*iżda tħallat*
*mal-mewt u gwerer*
*destin u tmiem.*

2.viii.69 FRANCIS MIFSUD